TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

Avviż Numru CCT 74/14-F

**Ronald Apap**

**vs**

**Paul Target Ltd.**

Illum 7 t'Ottubru, 2014

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fis-16 t'April, 2014 fejn ir-rikorrenti talab danni ta' tliet elef u ħames mitt ewro (€3,500), rappreżentanti prezz ta' kamra tas-sodda fejn allega li nbiddlu xi affarijiet kif ukoll ix-xogħol sar ħażin, u li l-għamara ma tiswiex daqshekk.

Is-soċjeta' ntimata ppreżentat risposta bil-miktub għal din it-talba, u attendiet għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huwa l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tas-soċjeta' ntimata li huwa rappreżentant tas-soċjeta' ntimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottometta bil-miktub illi huwa kien ordna kamra tas-sodda fejn qal illi l-prezz kien għoli u li nbiddlu xi affarijiet u mhux kif kien ordna hu.

L-intimat issottometta li l-prezz kien miftiehem u aċċettat, u li qabel ma ġiet sprenjata l-għamara bagħtu għar-rikorrenti sabiex jiġi jaraha u kien aċċetta qabel eżatt ma sprenjawha, u li l-kamra tas-sodda hija magħmula apposta għalih *'made to measure'*.

**It-Tribunal jinnota illi:**

It-Tribunal, qed jemmen il-verżjoni tal-intimat stante li kienu bagħtu għar-rikorrenti qabel ma ġiet sprenjata, u jekk il-prezz kien miftiehem, dan għandu jorbot il-ftehim.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jiċħad it-talba tar-rikorrenti, u bl-ispejjeż jiġu supportati ugwalment bejn il-partijiet.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070. FAX: (+356) 21239888